



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 22 ta' Settembru 2023
(OR. en)

12968/23

LIMITE

CSDP/PSDC 641
CFSP/PESC 1246
EUMC 386
MAMA 134
RELEX 1051
CONUN 244
CSC 441
EUNAVFOR MED 28
PSC DEC 41
JAI 1151

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Forza tal-UE għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea fil-Mediterran (EUNAVFOR MED IRINI) u li tħassar id-Deċiżjoni (PESK) 2023/743 (EUNAVFOR MED IRINI/3/2023)

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ (PESK) 2023/...

ta'...

**dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Forza tal-UE
għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea
fil-Mediterran (EUNAVFOR MED IRINI)
u li tħassar id-Deċiżjoni (PESK) 2023/743
(EUNAVFOR MED IRINI/3/2023)**

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 38 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2020/472 tal-31 ta' Marzu 2020 dwar operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea fil-Mediterran (EUNAVFOR MED IRINI)¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 8(2) tagħha,

¹ ĠU L 101, 1.4.2020, p. 4.

Billi:

- (1) Fil-31 ta' Marzu 2020, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2020/472, li stabbiliet u nediet operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea fil-Mediterran (EUNAVFOR MED IRINI).
- (2) Skont l-Artikolu 8(2) tad-Deċiżjoni (PESK) 2020/472, il-Kunsill awtorizza lill-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) biex jieħu d-deċiżjonijiet dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Forza tal-UE għal EUNAVFOR MED IRINI.
- (3) Fl-4 ta' April 2023, il-KPS adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2023/743¹ li taħtar lill-Viċi Ammirall Valentino RINALDI bħala Kmandant tal-Forza tal-UE għal EUNAVFOR MED IRINI mill-1 ta' April 2023.
- (4) Fil-5 ta' Settembru 2023, l-awtoritajiet militari Griegi pproponew il-ħatra tal-Komodor Konstantinos BAKALAKOS biex jieħu post il-Viċi Ammirall Valentino RINALDI bħala l-Kmandant tal-Forza tal-UE ta' EUNAVFOR MED IRINI mill-1 ta' Ottubru 2023. Il-Kmandant tal-Operazzjoni tal-UE appoġġa dik il-ħatra proposta.
- (5) Fit-12 ta' Settembru 2023, il-Kumitat Militari tal-UE appoġġa r-rakkomandazzjoni li saret mill-awtoritajiet militari Griegi.

¹ Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (PESK) 2023/743 tal-4 ta' April 2023 dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Forza tal-UE għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea fil-Mediterran (EUNAVFOR MED IRINI) u li tħassar id-Deċiżjoni (PESK) 2022/1681 (EUNAVFORMED IRINI/1/2023) (ĠU L 98, 11.4.2023, p.6).

- (6) Jenħtieġ li tittieħed deċiżjoni dwar il-ħatra tal-Komodor Konstantinos BAKALAKOS bħala Kmandant tal-Forza tal-UE għal EUNAVFOR MED IRINI.
- (7) Jenħtieġ li d-Deċiżjoni (PESK) 2023/743 tiħassar,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Komodor Konstantinos BAKALAKOS huwa b'dan maħtur Kmandant tal-Forza tal-UE għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea fil-Mediterran (EUNAVFOR MED IRINI) mill-1 ta' Ottubru 2023.

Artikolu 2

Id-Deċiżjoni (PESK) 2023/743 hija mħassra.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Ottubru 2023.

Magħmul fi ...,

Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà

Il-President

D. PRONK